# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru 2001**

**Numru 48**

**Citaz. numru 785/86 DS**

Anthony Zammit
vs
Monica Abela, u b'nota tas-26 ta' April 1989 tassumi l-atti tal-kawza bhala Monica Abela llum mart Louis Gauci

Illum, 15 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Settembru 1986 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi kien gharus mal-konvenuta u kienu ippromettew lil xulxin li jizzewgu tant li kien sar bejniethom L-engagement u kienu mexjin bil-preparattivi opportuni li kellhom iwasslu ghaz-zwieg bejniethom.

Illi in segwitu pero' f'Mejju, 1985, il-konvenuta naqset mill-promessa taz-zwieg li ghamlet lill-attur, u minghajr ebda raguni valida ingustament hassret l-gherusija.

Billi matul l-gherusija l-attur sborza flus u ghamel diversi spejjes in konnessjoni u b'konsegwenza ta' tali gherusija, kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk b'dan ir-resiliment ingustifikat tal-gherusija da parti tal-konvenuta l-attur sofra danni.

Illi inoltre l-attur hu intitolat ghar-restituzzjoni lilu mill-konvenuta tar-rigali li l-attur innifsu u niesu taw fl-okkazjoni tal-engagement ossia gherusija, u ma' tul l-istess gherusija in kontemplazzjoni taz-zwieg.

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta hija responsabbli li hassret ingustament u minghajr raguni valida l-gherusija taghha ma l-attur.

2. tiddikjara u tiddeciedi li minhabba tali resiliment ingust tal-gherusija da parte tal-konvenuta l-attur sofra danni, ghall-liema danni hi ghalhekk responsabbli l-istess konvenuta.

3. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' tali resiliment, occorrendo permezz ta' periti nominandi.

4. tikkundanna konsegwentement lill-konvenuta thallas lill-attur dawk id-danni likwidati in forza tat-tielet domanda ta' din ic-citazzjoni.

5. u finalment tikkundanna wkoll lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur dawk ir-rigali kollha li gew mohtija lilha mill-attur innifsu u minn niesu fl-okkazjoni tal-gherusija u matul l-istess gherusija, jew fin-nuqqas ta' tali restituzzjoni thallas lill-attur il-valur odjern ta' l-istess rigali.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta ingunta personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn qalet:

1. Illi mhux minnu li l-eccipjenti hija responsabbli ghar-rezelment tal-gherusija anzi kien l-attur li kien hekk responsabbli u li ghalhekk it-talba ghad-danni ghandha tigi michuda wkoll.

2. Illi t-talbiet l-ohrajn ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta fejn, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet kienu gharajjes ghal aktar minn ghaxar snin.

Illi l-attur, minhabba l-imgieba skorretta tieghu kkaguna ir-rezilment tal-gherusija hawn imsemmija.

Illi l-konvenuta sborzat somom kbar ta' flus u ghamlet diversi spejjez in konnessjoni u b'konsegwenza ta' din l-gherusija.

talbet lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li kien l-attur li kien responsabbli li hassar ingustament u minghajr raguni valida l-gherusija bejn il-partijiet minhabba l-agir skorrett tieghu.

2. tiddikjara li minhabba dan l-agir il-konvenuta soffriet danni, kemm materjali u kemm morali.

3. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-konvenuta okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

4. tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes. L-attur imharrek ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta fejn qal:

Illi t-talbiet avanzati mill-konvenuta fil-kontro-talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li kienet l-istess konvenuta illi, minghajr ebda spjegazzjoni jew raguni valida, naqset mill-promessa ta' zwieg li ghamlet lill-attur eccipjenti u ingustament hassret l-gherusija.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-30 ta' Marzu 1987 fejn gie nominat l-assistant gudizzjarju l-Avukat Dottor Saviour Demicoli sabiex, *inter alia*, jiehu x-xhieda u jircievi d-dokumenti prodotti;

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru 1993 li permezz tieghu ghall-imsemmi assistant gudizzjarju giet sostitwita l-Avukatessa Dottor M'Dolores Gauci;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

1. Filwaqt li l-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi mizmuma responsabbli ghat-thassir ta' l-gherusija ta' bejniethom minghajr ebda raguni valida da parti taghha, il-konvenuta fil-kontro-talba taghha qed titlob li l-attur ghandu jinzamm responsabbli ghal tali reziliment minhabba l-agir skorrett tieghu. Ghalhekk iz-zewg partijiet qeghdin jippretendu li jigu likwidati u mhallsa lilhom id-danni sofferti minnhom bhala rizultat tar-reziliment.

2. Issa kif tajjeb qal l-attur fin-noti tieghu, din l-azzjoni hija impostata fuq il-principji generali tal-ligi civili ghax ghalkemm l-istitut ta' l-isponsali huwa regolat b'ligi specifika (Kap 5 tal-Ligijiet ta' Malta) dik il-ligi tapplika fejn l-gherusija tkun saret bil-miktub (ara art. 1233(1)(g) tal-Kodici Civili u l-kawza minnu citata **Bernarda Caruana et vs Giuseppe Borg**, 13 ta' Mejju 1952, Vol. XXXVI.ii.433). B'hekk japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili dwar kuntratti bilaterali. (Ara wkoll **Giusa Bellia vs Giuseppe Grech**, 26 ta' Mejju 1958, Vol. XLII.ii.1051).

3. Jekk wiehed jadotta dawk l-erba' rekwiziti necessarji sabiex tirnexxi talba ghad-danni f'kaz ta' reziliment ta' gherusija, liema rekwiziti accenna ghalihom l-attur fin-nota ta' sottomissjoni tieghu b'riferenza ghas-sentenza msemmija fl-ismijiet **Bernarda Caruana et vs Giuseppe Borg** u li tidher ukoll li accettathom il-konvenuta fin-nota responsiva taghha, jirrizulta mill-istess noti

rispettivi tal-partijiet li m'hemmx kontestazzjoni fir-rigward ta' l-ewwel zewg rekwiziti, u cioe`:

a. l-ezistenza ta' gherusija bejn il-kontendenti; u
b. il-kapacita` legali taghhom sabiex ikkontrattaw tali gherusija.

U ghalhekk jibqa' li wiehed jezamina l-ezistenza o meno ta' l-ahhar zewg rekwiziti sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' wiehed jew wahda mill-partijiet, cioe` n-nuqqas ta' kawza gusta ghar-reziliment u d-danni rizultanti.

4. Ukoll mhux kontestat hu l-fatt li l-konvenuta kienet il-parti li hadet id-decizjoni ghar-reziliment ta' l-gherusija, u minn ezami tax-xiehda kollha moghtija f'dawn il-proceduri, il-Qorti ssib li l-konvenuta kellha raguni gusta u valida skond il-ligi sabiex tirtira mill-hekk imsejjah kuntratt bilaterali ta' bejniethom.

5. Fl-ewwel lok il-Qorti ma ssib xejn konvincenti t-tezi ta' l-attur li l-konvenuta kienet waslet ghad-decizjoni taghha minhabba l-atteggjament ostili ta' missierha. L-attur stess fis-seduta tat-22 ta' Gunju 1987, a fol 25 ighid li wara li kienu kellmu lil Fr. Louis Camilleri, l-affarijiet kienu raqdu u missier il-konvenuta kien halliha tohrog mieghu. Ukoll omm il-konvenuta Emmanuela Abela fis-seduta tat-3 ta' Mejju 1993, a fol 207 spjegat l-atteggament tar-ragel taghha fil-konfront ta' l-gharajjes kollha tat-tfal taghha u li ma kienx dirett proprju ghall-attur innifsu. L-attur stess fix-xiehda tieghu a fol 34 ighid li fuq it-telefon hu kien sema' lil ommha tghid lill-missier li d-decizjoni kienet haditha l-konvenuta u fil-fatt l-istess konvenuta fl-affidavit taghha a fol 248 tikkonferma dan.

6. Anzi l-provi prodotti, inkluz dawk ta' l-attur, jindikaw li l-problema tar-relazzjoni bejn il-kontendenti kien proprju n-nuqqas ta' serjeta` ta' l-attur fil-konfront ta' l-istess relazzjoni u taz-zwieg eventwali. Tant li l-konvenuta kienet osservat li *'kif tkellmu fuq dawn l-affarijiet kienet taghtih rasu'* (ara fol 339). Il-Qorti fil-fatt issib ambivalenti l-fatt li kif il-konvenuta hassret l-gherusija, f'daqqa wahda beda jiehu l-gherusija taghhom bis-serjeta` u sahansitra llum qed jirreklama danni konsegwenzjali ghar-reziliment! F'dan ir-rigward isir accenn ghas-segwenti punti.

7. Il-partijiet kienu bdew johorgu flimkien fl-1974, tgharrsu fl-1981 u sa 1985, cioe' hdax-il sena wara li kienu bdew johorgu flimkien, lanqas data preciza taz-zwieg seta' jaghtiha l-attur lill-konvenuta u bil-kemm flus ihallas lill-*mechanic* ma kellu (ara fol 104)! Il-

konvenuta fl-affidavit taghha a fol 252 tghid li l-attur qatt ma kien ried ighidilha xejn, cioe' *'la meta ser inlestu darna, la kemm iwarrab flus, la haga u l-anqas ohra'*. Imbaghad fis-seduta tas-6 ta' Settembru 1989, a fol 117 l-attur ammetta li lejliet il-Karnival meta spiccaw il-konvenuta kienet ghamlitlu tliet domandi, cioe` meta kienet ser titlesta d-dar, kemm kellu flus imwarrba u meta kienu ser jizzewwgu u ghadda sabiex spjega dak li ntqal (jew ma ntqalx!) minnu, kollu ndikazzjoni ta' l-incertezza kbira li kienet qeghda tghix fiha l-konvenuta wara hdax-il sena tiffrekwenta l-attur!

8. Fil-fatt ghaliex id-dewmien fil-kostruzzjoni tad-dar konjugali? Meta l-konvenuta kienet tgerger dwar ir-ritmu tax-xoghol fil-proprjeta` taghhom, skond ix-xhieda ta' l-attur tas-seduta tat-22 ta' Gunju 1987, a fol 26 hu kien jispjega li dan kien minhabba d-dewmien fil-hrug tal-permessi u l-maltemp. Pero` wiehed ma jistax jinsa l-fatt li l-permessi kienu hargu f'Dicembru, 1984 skond kif jirrizulta minn Dok. PM6 a fol 76 fil-process allegat ma' dawn l-atti (Citaz. 927/85 fl-istess ismijiet), u certament mhux kull gurnata tas-sena kien il-maltemp! Ir-raguni wiehed isibha f'dak li kien qal missieru lill-konvenuta u lill-habiba taghha Rita Calleja. Din ta' l-ahhar skond ix-xhieda moghtija minnha fis-seduta tas-17 ta' Lulju 1990, a fol 133 *'f'okkazjoni minnhom missier l-attur kien gie lili u qalli biex jiena ma nghidx lil Monica kien hu missier l-gharus li mar jirranga l-art biex isibuha lesta ghaliex l-attur ma kienx mar hu'*. Il-konvenuta fl-affidavit taghha a fol 251 qalet li mbaghad Rita Calleja kienet qaltilha dan id-diskors, cioe` *'Misieru qal ... li mar iwittilu il-pedament lil ibnu, u ma jridx jurih, biex almenu jkun tela fuq il-post, ghax l-anqas biss rid jitla' lil hemm, ahseb u ara kemm konna ser inlestu l-bini ... Xi jumejn wara ... qabadli fuq l-istess haga ... qalli l-istess kliem li kien qal lill-habibti. Qalli wkoll li ma jafx x'ser naghmlu ... tajtx kemm gerger fuq ibnu stess u qal li ma jrid jaghmel xejn'*.

9. U ghal dak li kien jirrigwarda l-pozizzjoni finanzjarja tieghu, l-attur qal a fol 98 li kien minnu li lill-konvenuta ma kienx jaghti nformazzjoni dwar il-pozizzjoni finanzjarja tieghu u a fol 118 zied ighid li lanqas bizzejjed flus biex ihallas lill-*mechanic* kellu. Allura fejn kienet qed tmur il-paga f'dawk is-snin kollha, tenut kont tal-fatt li l-attrici bhalu kienet bil-paga u kienet thallas ghat-tnejn bosta drabi skond kif qalet hi stess u kkorroborat mix-xhieda taghha (ommha Emmanuela Abela a fol 204, affidavit Eleonora Naudi a fol 281).

10. Fir-rigward tad-data taz-zwieg, fis-seduta tas-6 ta' April 1989, a fol 97, l-attur ighid li *'kemm kien ili inkellem lill-konvenuta jiena qatt ma ffissajt data ghaz-zwieg, u dana ghaliex ahna ma konniex f'pozizzjoni li niffissaw data ghaz-zwieg'* u hawn hareg b'zewg ragunijiet, cioe` l-problemi familjari da parti tal-konvenuta u l-ghajnuna finanzjarja li kienet qed taghti lil missierha, li mkien ma gew sostanzjati. Fis-seduta tas-6 ta' Settembru 1989, a fol 118 l-attur imbaghad qal *'jiena ghidtilha li ahna nizzewwgu meta jasal il-waqt'* li jista' biss jindika l-inezistenza ta' ostakoli da parti tal-konvenuta.

11. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jindika biss atteggjament ta' nofs qalb da parti ta' l-attur li wassal lill-konvenuta tghid fl-affidavit taghha a fol 252 li *'Mela x'qed nistenna minn ghandek, minn xahar ghal xahar u minn sena ghall-ohra jien qatt mhu ser ikolli xejn. ... Kont ili nissapporti hafna, u hafna, u meta ghidt sa hawn wasalt kont naf sew x'jien qed naghmel'*. Hawn fil-fatt wiehed ihoss il-frustrazzjoni tal-konvenuta li wara hdax-il sena ma' l-attur fil-hajja taghha ma kellha xejn konkret u dan attribwibbli biss lill-attur. Skond l-affidavit taghha a fol 253 min-naha taghha kienet pruvat tikkonvincih li jixtru *plot* tal-Gvern bi prezz inqas sabiex b'hekk bl-istess prezz kienu jlestu l-bini wkoll. Ghalhekk, hu tassew kredibbli dak li xehdet Rita Calleja fis-seduta tas- 17 ta' Lulju 1990, a fol 133 kif ukoll il-konvenuta u li sar accenn ghalih aktar 'il fuq.

12. Kif jista' wiehed jaccetta l-fatt li l-bieb bejn il-proprjeta` taghhom u dik ta' missier l-attur sar ghar-raguni allegata mill-attur a fol 72 meta kien ghad irid isir xoghol sostanzjali fuq il-*plot* li zgur li ma kienx ser isir minn bieb meta kien hemm triq, imharrbta jew mhiex, fuq il-faccata. Hu stess fil-fatt ighid li l-pedamenti saru b'access mit-triq. Wiehed ma jistax ma josservax pero` l-loghob fil-kliem tieghu a fol 73 meta ighid *'jiena qatt ma ghidt lill-konvenuta li dak il-bieb kien qed isir temporanjament'* u fil-linja ta' wara *'Mistoqsi jekk allura l-intenzjoni tieghi kienetx li dan il-bieb jibqa' ghal dejjem, nghid li mhux necessarjament. Inkompli nzid anzi li missieri xtaq li l-bieb jaghlqu'*. Forsi wkoll dan hu rifless ta' l-atteggjament tipiku ta' l-attur versu l-konvenuta fir-relazzjoni ta' bejniethom!

13. Ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni ta' l-attur li l-konvenuta kienet bdiet tiffrekwenta lil terza persuna, habiba taghha prodotta minnu

stess, Phyllis Bajjada Abram fis-seduta tat-Tlieta 17 ta' Lulju, 1990, a fol 133 assigurat li dan kien sehh wara r-reziliment fuq kliem tal-konvenuta stess. Dan accertatu wkoll Rita Calleja fis-seduta tas-17 ta' Lulju 1990, filwaqt li dak li hu r-ragel tal-konvenuta llum, cioe` Louis Gauci, xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju 1993 a fol 211 li l-ewwel darba li kien iltaqa' maghha kien ghall-habta tas-sena 1986/1987.

14. Dwar l-allegata aggressivita` ta' l-attur, wiehed ukoll ma jistax jinjora l-fatt li fil-kontro-ezami tieghu fis-seduta tat-28 ta' Jannar 1988, l-ewwel l-attur innega li kien ta xeba' lil missier l-attrici, izda aktar tard spjega li skond sentenza tal-Qorti hu kien instab hati ta' dan il-fatt. It-tendenza ghal natura aggressiva fl-attur hi riflessa wkoll f'dak li xehed fis-seduta tat-18 ta' April 1989, a fol 103 meta jispjega li f'argument fi triqtu jwassal lill-konvenuta lura d-dar taghha, *'f'dan l-argument jiena sibt ruhi f'pozizzjoni li ma stajtx insuq u lill-konvenuta ghidtilha biex tinzel mill-karrozza'*. B'hekk wiehed jifhem dak li qalet il-konvenuta fis-seduta tas-27 ta'April 1998 a fol 338 u l-episodji citati minnha a fol 254 fejn harget ukoll l-aggressivita` ta' l-attur. Ara wkoll xhieda ta' Anthony Abela a fol 303 rigward episodju minnhom.

15. Fl-ahharnett issir referenza ghall-ittra Dok. XY a fol. 261 li hija elokwenti hafna ghal dak li tirrigwarda l-atteggament ta' l-attur lejn l-istat taz-zwieg: *'But, to be perfectly honest, I wish that we shouldn't marry – so we'd both know, every day, that we were sharing our lives because we wanted to ...not because we have to'*.

16. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hi tal-fehma r-reziliment ta' l-gherusija da parti tal-konvenuta kien gustifikat u bazat fuq ragunijiet gravi bizzejjed u l-attur ghandu ghalhekk ihallas id-danni konsegwenzjali li l-Qorti issa se tghaddi biex tillikwida.

17. In lineja ta' danni l-konvenuta qed tippretendi s-somma ta' Lm3310 minnha zburzata ghall-bini tad-dar li kellhom imorru joqoghdu fiha kemm-il darba jizzewgu u s-somma ta' Lm469.40 bhala spejjez minfuqa fuq trasport u ikel. Inoltre hija tippretendi li l-attur jirritorna diversi oggetti li hija xtratlu (elenkati fid-Dok. XX a fol. 257) u li l-valur komplessiv taghhom li hija tat huwa ta' Lm381.

18. Dwar is-somma ta' Lm3310 l-ircevuta Dok. XZ a fol. 260 hija prova soddisfacenti ta' din is-somma li harget il-konvenuta u

ghaddiet lill-attur ghall-akkwist u bini ta' dik li l-konvenuta mmaginat li se tkun id-dar matrimonjali tal-partijiet.

19. Dwar l-ispejjez ta' trasport u ikel li hija tippretendi, m'hemm l-ebda dubju li dawn huma ragonevoli tenut kont tal-perijodu twil ta' gherusija u huma accettabbli.

20. Dwar l-oggetti li taghhom talbet ir-restituzzjoni, jinghad li fil-kontro-talba taghha effettivament il-konvenuta ma talbitx restituzzjoni izda likwidazzjoni u hlas ta' danni. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fid-distinzjoni bejn dawk ir-rigali li huma veri donazzjonijiet fis-sens guridiku u dawk li setghu saru in konsiderazzjoni taz-zwieg. U in vista tal-fatt li l-valuri fid-Dok. XX a fol. 257 ma gewx kontestati, il-konvenuta ghandha dritt ta' rizarciment ghalihom fis-somma ta' Lm381.

21. Dwar id-danni morali li tippretendi l-konvenuta, talba simili tista' ssir a bazi tal-provvedimenti tal-Kap 5. Izda kif diga` gie osservat dik il-ligi tapplika ghall-kuntratti ta' gherusija li jkunu saru bil-miktub; dan ma jirrizultax fil-kaz odjern. Fil-kawza citata mill-attur **Vittoria Farrugia vs Angelo Chircop** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Dicembru 1921 (Vol. XXIV.i.945) intqal hekk:

*"...il fine di detto Proclama* (VI tal-1834, illum Kap 5) *non e` stato quello di accordare alla parte lesa da ingiusto resilimento da sponsali o promessa di matrimonio, un'azione contra la parte colpevole, per il risarcimento di danni materiali effettivamente sofferti in conseguenza dell'ingiusta azione della parte resilente, poiche` il diritto di agire per tale risarcimento gia` esisteva come esiste tuttora in base all'assioma giuridico che ciascuno e` tenuto al risarcimento del danno materiale da lui ingiustamente cagionato ad altri: lo scopo invece di detto proclama e` stato quello di abolire certi poteri del tribunale, e di introdurre il rimedio dell'azione per risarcimento dei danni morali, o, come dice il proclama stesso, per un compenso dell'ingiuria sofferta, a causa di infrazione di promessa o contratto o convegno di matrimonio, in una somma di denaro liquidabile dalla Corte;*

*...pertanto quando la promessa, contratto o convegno di matrimonio non e` stipulato per scrittura, giusta quanto prescrive il succitato articolo 941 di detta ordinanza No. VII del 1868* (illum art.1233 tal-Kodici Civili) *tale promessa, contratto o convegno e` nullo 'pei fini di detto proclama' solamente – nel senso, cioe`, che*

*l-ingiusto resilimento da detta promessa, contratto o convegno da parte di uno dei contraenti, non apre l'adito all'azione accordata alla parte lesa, dal detto proclama per il risarcimento dell'ingiuria patita; ma il difetto di tale scrittura non rende inammissibile l'azione per la rifazione dei danni materiali effettivamente sofferti in conseguenza della ingiusta azione della parte colpevole, piche` il diritto a tali danni deriva da legge diversa, come e` stato ritenuto da qauesta Corte nella sentenza del 23 gennaro 1920 nella causa 'Dalli vs Atkins'.*"

Dan il-principju gie ribadit fis-sentenza l-ohra citata mill-attur, u cioe` **Maria celibe Ruggier et vs Paolo Zammit pro et noe** moghtija mill-Prim'Awla fit-12 ta' Mejju 1922 (Vol. XXV.ii.114).

22. Konsegwentement il-konvenuta ghandha dritt ghad-danni materjali biss u dan fl-ammont totali ta' Lm4160.40.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' l-attur kif ukoll l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet tal-konvenuta u ghalhekk ukoll l-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet attrici izda salv it-talba taghha ghal danni morali li hija michuda, u

(1) tiddikjara li l-attur kien unikament responsabbli ghat-thassir ta' l-gherusija,
(2) tiddikjara li l-konvenuta b'hekk sofriet danni materjali,
(3) tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' Lm4160.40, u
(4) tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta din is-somma ta' Lm4160.40 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur